SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IS-SITT KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 33-14

Illum It-Tnejn, 20 ta' Ottubru 2014

Il-Kunsill iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fis-5.00pm.

## PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Terrence Ellul u l-Kunsilliera: Joe Bonello, Caroline Galea u Victor Camilleri. L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, Claire Mamo ma kienetx preżenti għal din il-laqgħa

## ASSENTI

Ħadd

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## LIVE STREAMING TAL-LAQGĦAT TAL-KUNSILL

Is-Sindku nforma l-Kunsill li mill-llum, 20 ta' Ottubru 2014 beda' l-*Live Streaming* tal-laqgħat tal-Kunsill ta' Santa Luċija. Huwa qal li din il-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* minn fuq l-*Interne*t għal kumdita' ta' dawk ir-residenti li jixtiequ jsegwu din il-laqgħa mid-djar tagħhom.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 32-14 li saret nhar it-Tlieta 23 ta' Settembru 2014 ġew moqrija u approvati.

### 1.1 *Mill-Minuti*

#### *1.1.1 Tea Room fi Ġnien is-Serenita'*

Il-Kunsilliera Caroline Galea irreferit għal minuta 4.1 tal-laqgħa preċedenti u staqsiet kienx hemm xi żvilupp dwar il-kuntratt tat-*Tea Room*. Is-Sindku qal li qed jiġi ffinalizzat id-dokument u waqt din l-istess laqgħa ser jiġu pppreżentati il-pjanti ta' l-*areas* marbuta ma' dan il-kuntratt, għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

#### *1.1.2 BOV ATM*

Il-Kunsillier Victor Camilleri staqsa f'hix wasal ix-xogħol fuq l-*ATM* il-ġdida tal-*BOV*. Is-Sindku qal li l-istruttura hija lesta u bħalissa qed jinstallaw is-servizzi.

#### *1.1.3 Reġjun Nofsinhar - Attivita' sportiva*

Il-Kunsillier Bonello staqsa l-andament ta' l-attivita' sportiva organizzata mir-Reġjun Nofsinhar u dwar l-għotja ta' *defibrillator* li kellu jingħata l-Kunsill b'rabta ma' din l-attivita'. Is-Sindku wieġeb li r-Reġjun ser jinforma lill-Kunsill dwar kif ser jipproċedi f'dan ir-rigward. Huwa tkellem dwar l-attivita' u qal li kien hemm madwar tnax il-parteċipant mill-*Football Nursery* ta' Santa Luċija. Huwa qal li dawn kellhom esperjenza sabiħa u ltaqgħu ma' żgħażagħ oħra minn dan ir-reġjun. Huwa rrefera għal *Football Nursery* ta' Santa Luċija u qal li qed ikollom klassi ta' tfal taħt il-ħames snin. Il-Viċi Sindku żied jgħid li filfatt hemm ukoll klassi għal bniet ta' taħt il-ħames snin.

## 2 KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn it-23 ta' Settembru 2014 u l-20 ta' Ottubru 2014 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 1034-14-O – Kummissarju Għat-Tfal – Inizjattiva għall-ġenituri ta' tfal żgħar
- 1081-14-O – Ministeru għat-Trasport u Nfrastruttura – Servizz ta' Sigurta' fi Ġnien is-Serenita'
- 1089-14-O – Dr L. Busuttil – *Bye-Laws Garden of Serenity*
- 1092-14-O – *Primary Health Care Department – Health Talks*

**2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:***

- 1057-14-I – *The Arts Council Malta – Cultural Calendar*
- 1083-14-I – Reġjun Nofsinhar – *CCTV Cameras*
- 1085-14-I – *TCTC – Leanit Project*
- 1093-14-I – Santa Luċija Local Council – Librarian – *Housebound library service*
- 1096-14-I – Reġjun Nofsinhar – Rotta tal-Gwardjani fil-għaxijiet
- 1103-14-I – Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali - *Leap! Pillar 2 Host Application*
- 1106-14-I – Residenti - Triq Klematis
- 1121-14-I – *Green Pak* – Irriċikla u Irbaħ ma' *Green Pak*

**2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:***

- ***The Today Public Policy Institute - "A Review of the Constiution of Malta at Fifty: Retification or Redesign?"***

**3. PUNTI MQAJMA**

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1083-14-I is-Sindku nforma l-Kunsill dwar l-inizjattiva tar-Reġjun Nofsinhar fejn kull Kunsill li jagħmel parti minn dan ir-Reġjun jingħata *CCTV Camera* flimkien ma' *recorder* li jiflaħ 32 *cameras.* Huwa qal li l-*monitoring* ta' din is-*cctv camera* ser jitħallas ukoll mir-Reġjun. Is-Sindku kompla jgħid li kien ser jipproponi li din il-*camera* tiġi nstallata ħdejn ir-*roundabout* f'Dawret it-Torri kantuniera ma' Vjal Oleandri ħalli tkun tista taqbad kontravenzjonijiet relati ma' *parking* u traffiku. Huwa qal ukoll li l-*cameras* eżistenti li għandu l-Kunsill fl-*area tal-playing field* jisgħtu jiġi wkoll *re-instated*. Ġie konfermat ukoll li s-*cctv camera* li ser tingħata mir-Reġjun ser tiġi integrata mas-sistema ta' nfurzar lokali.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1085-14-I il-Kunsill iddiskuta diversi *courses* li qed jiġu offruti mill-kumpanija TCTC għal somma stabbilita li titħallas mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu joħroġ avviż ta' nteress qabel jikkommetti ruħu fuq din l-inizjattiva.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1093-14-I is-Sindku nforma l-Kunsill dwar proposta li qed tagħmel il-librara tal-librerija pubblika ta' Santa Luċija biex fl-okkazzjoni tal-Jum Nazzjonali tal-Libreriji jiġi varat is-servizz ta' *Housebound Library Service*. Huwa qal li għal din l-okkazzjoni li ser issir

fl-10 ta’ Diċembru 2014 ser jiġi organizzat *story telling* u *photographic exhibition*.

**3.4** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 1096-14-I is-Sindku tkellem fuq inizjattiva oħra tar-Regjun Nofsinhar, li ġiet diskussa waqt l-aħħar laqgħa Reġjonali, dwar il-bżonn tal-preżenza ta’ gwardjani lokali biex jinfurzaw l-ordni pubblika wara l-ħin tal-ħamsa ta’ wara nofsinhar. Huwa qal li kien ippropona li dan is-servizz jingħata madwar il-*ground tal-football* fejn sewwieqa ta’ vetturi jidħlu fuq il-*Bicycle Track* u jagħmlu ħsara lil wiċċ ta’ dan it-*track*. Huwa ppropona wkoll li dan is-servizz jingħata ħdejn il-mużew tas-subien.

**3.5** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 1103-14-1 saret referenza għall-laqgħa li saret ma’ uffiċjali mill-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta’ Soċjali dwar il-proġett imsejjaħ *Leap! Pillar 2 Host Application*. Is-Sindku qal li permess ta’ dan il-proġett il-Kunsill jistgħa japplika biex jibbenifika minn servizz ta’ 40 siegħa fil-ġimgħa għal tmien xhur sħaħ, minn individwi li qed jirregistraw u li għal xi raġuni qed isibuha diffiċli biex isibu xogħol.

**3.6** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 1106-14-I is-Sindku qara ittra mibgħuta għan-nom ta’ numru ta’ residenti li joqgħodu fl-*area* ta’ Triq Klematis. Huwa qal li dawn ir-residenti lmnetaw li x-xogħol fuq din it-triq kien ilu aktar minn xahrejn wieqaf. Is-Sindku nforma l-Kunsill li x-xogħol fuq din it-triq kien wieqaf peress li hemm problema fis-sistema tad-dranaġġ. Huwa qal li kien għadda dan l-ilment lil perit ta’ *Transport Malta* li huwa nkarigat minn dan ix-xogħol. Huwa qal ukoll li kien qed jintervieni dwar din is-sitwazzjoni u kien f’kuntatt ma’ *Transport Malta* dwar din il-problema.

**3.7** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 1121-14-I is-Sindku nforma l-Kunsill bl-inizattiva ta’ *Green Pak* li għandha l’għan li tinkoraggixxi aktar nies biex jirreċiklaw l-iskart.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Skema Neħduk Għawdex*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li s-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita' u Anzjanita' Attiva' bil-kollaborazzjoni tal-Assoċjazzjoni tat-Turiżmu għall-Għawdex qed tniedi skema biex tagħti l-opportunita' lil persuni anzjani ta' 'l fuq minn 60 sena biex iżuru Għawdex.

Is-Segretarju Eżekuttiv intalbet toħroġ dan l-avviż lil pubbliku biex il-Kunsill ikun jistgħa jagħti s-sehem tiegħu f' din l-inizjattiva.

### 4.2 *Green MT*

Is-Sindku irrefera għal flus dovuti minn *Green Mt* li jammontaw għas-somma ta' €2100.00. Huwa qal li l-Kunsill issa stenna biżżejjed u wasal iż-żmien li jittieħdu passi legali biex il-*Green Mt* tħallas l-ammont dovut. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

### *4.3 Taħdidiet dwar is-Saħħa*

Is-Sindku nforma li l-Kunsill flimkien mad-Dipartiment tal-Kura Primarja tas-Saħħa ser ikun qed jorganizza programm ta' taħdidiet dwar is-saħħa li jolqtu diversi kundizzjonijiet mediċi. Huwa qal li dawn it-taħdidiet ser isiru minn nies professjonali esperti f'dan il-qasam. Is-Sindku nforma li l-Kunsill ser ikun qed joħroġ avviż bit-dati u l-ħinijiet ta' dawn it-taħdidiet skond is-suġġett u li dawn ser isiru fil-pavillon ta' Ġnien is-Serenita'.

### *4.4 Applikazzjoni biex titneħħa siġra fi Triq Guljetta Lopez*

Il-Kunsill laqgħa talba minn residenta li talbet biex tinqala siġra minn Triq Ġuljetta Lopez peress li l-għeruq ta' din is-siġra kienu qed jikkawżawlha ħsarat fir-residenza tagħha. Il-Kunsill qabel li ssir applikazzjoni lil *Mepa* dwar din il-proposta.

### *4.5 Skultura fi Pjazza 7 ta' Lulju*

Is-Sindku ppreżenta abbozz ta' skultura biex titqiegħed flok dik li kien hemm fi Pjazza 7 ta' Lulju. Huwa qal li l-iskultur qed jitlob is-somma ta' €2,500 li hija l-ispiża nvoluta fuq il-materjal biss. Il-Kunsill qabel li għandu jsir sforz biex jinstab *sponser* li jidħol għal din l-ispiża.

### *4.6 Approvazzjoni għat-tneħħija ta' żewġ siġar minn Triq il-Bruka*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-*Mepa* kienet approvat is-sit li ppropona l-Kunsill biex żewġ siġar tal-Luq li hemm fi Triq Bruka jiġu transplantati f'sit li għażel il-Kunsill fil-laqgħa preċedenti. Huwa qal li issa għandha ssir konsultazzjoni ma' *ELC Ltd*. dwar il-proċess involut.

**4.7 *Cottonera Resource Centre***

Il-Kunsill ġie nfurmat dwar laqgħa li saret ma' rappreżentanti tal-Proġett *Leap*, Is-Sindku qal li għal din il-laqgħa kien preżenti wkoll il-Kappillan *Father* Malcolm Agius. Il-Kunsill ġie nfurmat li ser ikun qed jinħareġ avviż dwar servizzi offruti mill-*Cottonera Resource Centre* bħala parti mill-proġett ta' l-Unjoni Ewropea, bl-isem ta' *Leap* li jaqa' taħt il-*European Social Fund*.

***4.8 Xogħol fuq trinek mill-Korporazzjoni ta' l-Ilma 2010-2011***

Is-Sindku rrefera għall-ammont ta' €6350.00 li l-Kunsill kellu jieħu mingħand il-Korporazzjoni għas-servizzi ta' l-Ilma fuq *reinstatement* ta' trinek għall-perjodu 2010 u 2011. Is-Sindku qal li saret spezzjoni li għaliha kien preżenti hu flimkien ma uffiċċjal tal-Korporazzjon tal-Ilma li nfurmaħ li hu kellu jara biss it-trinek li saru fuq it-toroq u mhux fuq il-bankini. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ser tiċċekja eżatt x'kien jgħid il-kuntratt li l-Kunsill kellu ma' l-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma dwar ir-*reimbursemnet* lil Kunsill Lokali fuq xogħol ta' trinek li saru mill-Korporazzjoni.

***4.9 Kiri ta' boards mill-Klabb tal-Football***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kien iltaqgħa ma uffiċċjali tal-Klabb tal-Football fejn infurmawh li qed jikru *boards* informattivi li fuqhom jistghu jidhru avviżi tal-Kunsill. Huwa qal li dawn il-*boards* qed jinkrew għal €100.00 fis-sena. Il-Kunsill qabel li jikri tnejn minn dawn il-*boards* għall-avviżi tal-Kunsill.

***4.10 Newsletter tal-Kunsill numru 22***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li qed isiru tħejjijiet biex il-Kunsill joħroġ *Newsletter* oħra. Huwa qal li din trid tkun lesta biex titqassam f'nofs Diċembru 2014 peress li ser ikun hemm l-avviżi relatati ma' l-attivitajiet tal-Milied u s-Sena l-Ġdida. Huwa ħeġġeġ lil membri tal-Kunsill biex iħejju il-kitba tagħħom għal din il-*Newsletter* kemm jistgħa jkun malajr.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 5259 sa numru BOV 5297 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu bejn 16-09-2014 sa 30-09-2014.

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 32-14(23-09-2014)

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Settembru 2014 Ammont *Gross* €4595.39

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| **Kuntrattur** | **Kuntratt** | **Kont** | **Ewro** |
|---|---|---|---|
| J & S Zammit. | RC(57-14-01) | Servizz Settembru 2014 | 1877.90 |
| ELC Ltd. | PKG 57 | Servizz-Settembru 2014 | 2061.50 |
| Saviour Mifsud | PCA(57-11-06) | Servizz – Settembru 2014 | 625.41 |
| Koptasin | Signs/Mkgs | Job Sheet 10385 | 49.40 |
| Rite Mix (Gatt Bros. Ltd. | RR(PPP)(57-11-02) | Triq Guljetta Lopez- 2nd Installment | 19,378.94 |
| Ricky Caruana | RM/PF(57-12-02) | 28-2014 | 76.00 |
| Ricky Caruana | RM/PF(57-12-02) | 27-2014 | 266.00 |
| Owen Borg | SS(57-12-01) | Servizz Settembru 2014 | 1024.25 |

### *5.4 Approvazzjoni ta' paġament għal servizz ta' emerġenza u servizz ta' kordinatur fi Ġnien is-Serenita'*

Il-Kunsill approva pagament ta' €103.55 għal servizz ta' *watchman* fi Ġnien is-Serenita'.

Il-Kunsill approva pagament ta' €37.28 għal servizz ta' kordinatur ta' l-attivita' – *Chinese Film Festival* li kien mifrux fuq tlett ijiem.

### *5.5 Approvazjoni ta' kwotazzjonijiet*

#### *5.5.1 Kwotazzjoni għall-manutenzjoni ta' rubber tiles fil-Playing Field Area*

Il-Kunsill iddiskuta kwotazzjoni ta' JGC Ltd li tammonta għas-somma ta' €1225.50+VAT li tkopri il-manutenzjoni ta' *rubber matting* fil-*Playing Field area*. Is-Sindku qal li JGC Ltd huwa l-kuntrattur li kien installa dan ir-*rubber matting* u l-kwotazzjoni tkopri erbgħa *areas* tal-*Playing Field*. Billi din hija somma konsiderevoli l-Kunsill qabel li l-ispiża nvoluta għandha tiġi nklużа fil-*budget* għas-sena 2015.

#### *5.5.2 Kwotazzjoni għall-manutenzjoni ta' 14 il-bank ta' l-injam fil-Playing Field Area*

Il-Kunsill iddiskuta l-kwotazzjoni hawn fuq imsemmija li tammonta għas-somma ta' €1787.70. Il-Kunsill qabel li joħroġ kwotazzjonijiet li jinkludu l-manutenzjoni tar-*rubber matting*, manutenzjoni tal-bankijiet, installazjoni ta' *grada* fi Triq Inez Soler u installazzjoni ta' *fencing* madwar l-*area* skond il-bżonn.

#### *5.5.3 Kwotazzjoni għal servizz ta' stampar tal-Newsletter tal-Kunsill*

**Il-Kunsill innota żewġ kwotazzjonijiet għall-istampar tal-*newsletter* tal-Kunsll kif ġej:**

| | |
|---|---|
| Union Print Co.Ltd | €1069.00+VAT (24 paġna) |
| Velprint Ltd. | €918.75 (5% VAT inkluż (24 paġna) |

Il-Kunsill qabel li jmur għall-orħos kwotazzjoni dik at Velprint Ltd.

#### *5.5.4 Kwotazzjoni għall-istampar ta' kalendarju 2014 dwar il-lokalita' ta' Santa Luċija*

| | |
|---|---|
| Union Print Co.Ltd | €919.00+5%VAT(13 paġna)<br>€891.00+5%VAT(7paġna) |
| Velprint Ltd. | €863.10 + 5%VAT inkluż (7paġna) |

Il-Kunsill qabel li jmur għall-orħos kwotazzjoni dik at Velprint Ltd.

#### *5.5.5 Kwotazzjoni għall-armar ta' fustuni għall-Festi tal-Milied 2014*

Il-Kunsill approva kwotazzjoni ta' l-Għaqda Karmelitani għall-armar ta' dwal fil-festi li tammonta għas-somma ta €1099.00. Il-Kuntrattur għandu jintalab jinkludi dawl kulurit f'dawn il-festuni.

### 5.5.6 *Kwotazzjoni għall-installazjoni ta' 35 bollards fil-Bicycle Track*

Is-Sindku nforma li l-Kunsill kien ġab kwotazzjoni li tammota għas-somma ta' €1163.72 biex jiġu nstallati *bollards* fl-*area* tal-*Bicycle Track* biex jingħalaq l-aċċess għall-vetturi li jiġi pparkjati hemm b'konnessjoni ma' l-attivita' li tkun għaddejja fil-*ground tal-football*. Huwa qal li dawn qed joħolqu periklu għat-tfal li jużaw il-*Bicycle Track* barra li qed jagħmlu ħsara lil wiċċ ta' dan it-*track* u l-*green area* tal-madwar. Is-Sindku qal li hemm bżonn li din l-area rikreattiva tiġi protetta. Il-Viċi Sindku qal li fi Triq Prinjoli kantuniera ma' Triq Garnaw qed ikun hemm min jipparkja fil-passaġġ fejn kien ikun hemm il-*bring in site*. Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni għall-installazzjoni ta' *bollards* fil-*Bicycle Track* u qabel ukoll li għandha ssir *bollard* oħra fi Triq Prinjoli.

## 6. ATTIVITAJIET GĦALL-MILIED U S-SENA L-ĠDIDA

### 6.1 *Attivita' fl-okkazzjoni tal-festa tal-Milied u s-Sena l-ġdida*

Il-Kunsill iddiskuta l-attivita' li ssir kull sena f'dan iż-żmien ta' festi u qabel li din għandha ssir bejn l-20 u t-22 ta' Diċembru 2014. Il-Kunsill qabel li dawn id-dati għandhom jiġu kkonfermati ma' l-Kappillan peress li din l-attivita' ssir fis-sala tal-parroċċa.

### 6.2 *Pantomina tal-Milied*

Il-Kunsillier Joe Bonello qal li kien qed jorganizza attivita' fejn jieħu residenti jaraw il-Pantomina tal-Milied bl-isem ta' Cindirella u l-Bestja. Huwa qal li din l-attivita' ser issir fi-26 ta' Diċembru 2014.

### 6.3 *Attivita' tal-Milied bil-kollaborazzjoni ta' l-Iskola*

Il-Viċi Sindku ppropona li issir attivita' bil-kollaborazzjoni ta' l-Iskola Sekondarja tal-Bniet Kulleġġ *Saint Thomos Moore*. Huwa qal li l-istudenti jistgħu jintalbu jżejnu siġra tal-Milied li titwaqqaf għall-okkazzjoni. Is-Sindku qal li l-*HeadMaster* il-ġdid ta' din l-iskola għadu ma wera' l-ebda interess li jiltaqa' mal-Kunsill.

## 7. XOGĦOLIJIET

### 7.1 *Triq il-Ġnien*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar l-anadament tax-xogħol fi Triq il-Ġnien. Huwa qal li waqt li kien qed isir tħaffir biex issir trinka għal *main* ġdid ta' l-ilma, instab *gutter* fejn Blokk 2 li jagħti għall-bir li hemm taħt Blokk1 fl-istess triq. Is-Sindku qal li ma setax jordom kollox u ma jagħmel xejn. Għaldaqstant kiteb li *Transport Malta*. Huwa kompla jgħid li *Transport Malta* daħlet għall-ispiża nvoluta biex issir il-manutenzjoni meħtieġa fuq dan il-*gutter*. Fir-rigward ta' l-*main* ta' l-ilma li

ser jitqiegħed f’din it-triq, is-Sindku nforma li x-xogħol wasal sa Blokk VI u li t-triq mistennija tkun lesta sal-Milied.

### *7.2 Tea Room fi Ġnien is-Serenita’*

Is-Sindku ippreżenta *site plan* ta’ parti minn Ġnien is-Serenita’ fl-*area* tat-*Tea Room*. Huwa qal li l-partijiet imarkati bl-aħmar kienu ser ikunu aċċessibli ma’ l-Kuntrattur li jingħata l-kuntratt għal kiri ta’ din it-*Tea Room*. Huwa qal li għad irid jiġi detterminat kemm ser jingħata f’kumpens dan il-kuntrattur kemm il-darba jintalab iżomm it-*Tea Room* magħluqa minħabba l-użu tal-Ġnien bħala *venue* għall-attivitajiet kif tipprovdi l-*Bye-Law* ta’ l-istess ġnien. Il-Kunsill kompla jiddiskuti fuq dan il-kuntratt u wasal għal konklużjoni li dejjem ser jinqagħlu xi diffikultajiet li ma jkunux previsti u ma jissemewx fil-kuntratt. Is-Sindku qal li dawn iridu jiġu negozjati meta jinqgħalu. Il-Kunsilliera Caroline Galea ssuġerit li minflok sejħa għall-offerti għandu joħroġ avviż ta’ nteress.

### *7.3 Manutenzjoni ta’ bankina f’Dawret it-Torri*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li x-xogħol fuq il-parti tal-bankina f’Dawret it-Torri, li kella ssir bil-mattonċina, kien ser jibda fil-ġranet li ġejjin.

## 8. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fis-7.00 p.m.

Il-Kunsill jerġa’ jiltaqa' nhar it-Tnejn 17 ta' Novembru 2014 fil-5.00 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum ..................,..... ta' ....................... 2014**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**